# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 34/2026**

Data: It-Tnejn 26 ta' Jannar 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:50 hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti (17:54 hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Sa Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

34.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

34.2 MINUTI

34.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

34.4 KORRISPONDENZA

34.5 PLANNING AUTHORITY

34.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

34.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

34.8 MISTOQSIJIET

34.9 MOZZJONIJIET

34.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

34.11 FINANZI

34.12 TRAFFIC MANAGEMENT

34.13 PROGETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

34.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

34.15 STAFF

34.16 PURCHASE REQUEST FORM

34.17 ĦLASIJIET

34.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-17:42 minħabba problema teknika bil-'live streaming', bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 34.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**34.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku u l-Kuns I Catania De Giovanni. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 34.2 MINUTI

**34.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7342/26/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 32/2025 bid-data 17 ta' Diċembru 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7343/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 33/2026 bid-data 21 ta' Jannar 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**34.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 34.4 KORRISPONDENZA

**34.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kull sena jiġi offrut is-servizz tal-ECG, test taz-zokkor u test tal-pressjoni fil-Kunsill Lokali b'xejn għar-residenti. Is-Sindku qara korrispondenza annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal li s-servizz ser ikun offrut lill-ewwel 180 resident fuq jumejn, fejn 30 minnhom mhux ser jintalab ħlas għalihom u għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed iħallas €30 għal 150 resident.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7344/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għas-servizz ta' ECG tests, Glucose test, Blood Pressure għal prezz ta' €30 per person. Dan l-ammont ma għandux jaċċedi il-mija u ħamsin persuna.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**32.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn naħa tas-Sepretendenza tal-Wirt Kulturali, fejn qegħdin joffru li jagħmlu 'scanning' tax-xelters li jinsabu fil-Fgura. Is-Sindku qal li xelter wieħed biss jista' jiġi 'scanned' peress li x-xelter l-ieħor jinsab mgħerreq.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7345/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jingaġġa fuq proġett fejn jiġu scanned shelters li jinsabu fil-Fgura flimkien mal-entità tas-sovratundenza.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**32.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand kumpanija għal proposta ta' enċiklopedija edukattiva għat-tfal dwar ir-raħal. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok B'. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa magħhom flimkien mal-Kuns M Lombardo sabiex tiġi evalwata din il-proposta.

## 34.5 PLANNING AUTHORITY

**34.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie ffirmat il-kuntratt minħabba l-art ta' faċċata tal-Kunsill Lokali fejn kien hemm ir-razzett l-antik, fejn il-Kunsill kellu jwaqqa l-appell sabiex ikun jista jiġi ffirmat il-kuntratt. Is-Sindku qal li daħħlu permess ġdid li għadu jrid jitniżżel fil-kuntratt u ma jistax juża l-permess l-antik ħlief biex jiskava biss.

## 34.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**34.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kull sena jirċievi mid-Dipartiment rigward l-applikazzjonijiet biex jitkomplew isiru l-korsijiet b'xejn tal-'Lifelong Learning' li diġà qed isiru fil-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7346/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jerġa japplika għall-life long learning għas-sena 2026, dawn jinkludu kemm l-ingliż kif ukoll il-malti.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, biex tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-Kunsilliera u l-ħaddiema, għal din is-sena.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7347/26/9** 'Sabiex tiġi mġedda l-polza tas-saħħa għas-sena 2026 għall-membri tal-Kunsill u anke l-ħaddiema għas-somma ta' €70 kull wieħed.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**34.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill beda l-proċess biex jinbidlu l-bankijiet tal-bandli għal dawk riċiklabbli.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7348/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas quote annessa biex jinxtraw 3 bankijiet u jiġu nstallati l-bandli ġewwa Pjazza Redent Gauci għas-somma ta' €2,022.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ser ikollu jirrapporta lil dawk il-Kunsilliera li m'attendewx għal numru ta' laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7349/26/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Mejju 2025 u Diċembru 2025, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 13-il laqgħat: Viċi Sindku Darren Marmara - 18.06.2025, 14.07.2025, 17.09.2025, 22.10.2025, 31.10.2025, 12.11.2025, 25.11.2025, 01.12.2025, 03.12.2025 u 17.12.2025. Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija Kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur, 2 astenzjonijiet u vot kontra.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns C Bonello, Kuns M Lombardo

Kontra – Kuns R Deguara

Is-Sindku qal li rigward dawn il-mozzjonijiet, il-Kunsill ser jibgħat lill-Ministru u li mill-leġislatura l-oħra'l hawn, il-mozzjoni dejjem kienet hekk, irrelevanti min kien il-Kunsillier. Il-Kuns R Deguara qal li meta ma tattendix għal għaxar laqgħat minn tlettax-il laqgħa, tkun hemm għat-titlu biss. Il-Kuns C Bonello qal li mhux sew li dawk il-Kunsilliera li ħafna mid-drabi dejjem jattendu, ikollhom bilfors jattendu anke jekk ma jkunux jistgħu, minħabba li jekk ma jattendux ma jintlaħaqx il-quorum u l-laqgħa ma tkunx tista ssir, peress li jkun hemm Kunsilliera oħra li ħafna drabi ma jattendux għall-laqgħat. Il-Kuns J Scicluna qalet li meta kienet ħarġet mill-kamra f'waħda mill-laqgħat li kienet saret is-sena l-oħra minħabba li ma kienx hemm qbil, ġiet attakkata personali bil-kummenti fuq il-midja soċjali, meta hi dejjem tattendi regolari għall-laqgħat tal-Kunsill, u meta Kunsilliera oħra ma jattendux qisu ma jkun ġara xejn.

**34.7.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7350/26/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Mejju 2025 u Diċembru 2025, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 13-il laqgħat: Kuns Adrian Tanti - 14.05.2025, 23.07.2025, 17.09.2025, 12.11.2025, 25.11.2025, 03.12.2025 u 17.12.2025. Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija Kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur, 2 astenzjonijiet u vot kontra.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns C Bonello, Kuns M Lombardo

Kontra – Kuns R Deguara

**34.7.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7351/26/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Mejju 2025 u Diċembru 2025, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 13-il laqgħat: Kuns Ryan Ellul - 14.07.2025, 17.09.2025, 22.10.2025, 25.11.2025 u 03.12.2025. Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija Kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur, 2 astenzjonijiet u vot kontra.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns C Bonello, Kuns M Lombardo

Kontra – Kuns R Deguara

Is-Sindku qal li tliet siegħat ġurnata fix-xahar, il-Kunsilliera għandhom jattendu għall-laqgħat tal-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk għandhiex tinbidel il-mozzjoni. Il-Kuns M Lombardo qal li għal din id-darba biss, il-mozzjoni għandha tibqa kif inhi.

**34.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra rigward ir-rapport ta' ħidma li jrid jintbagħat mill-Kunsilliera għas-sena 2025.

**34.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva li nfetħu l-applikazzjonijiet għall-għaqdiet tar-raħal biex ikunu jistgħu japplikaw għal 'Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2025'. Is-Sindku qal li l-'email' ġiet mgħoddija lil żewġ għaqdiet tar-raħal, li huma l-Kummissjoni Festa Esterna Fgura u lil-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura.

**34.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li attenda għal laqgħa mal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, fejn il-Kunsill irnexxielu jikri l-i'street furniture' għal sentejn sħaħ, bil-prezz li hemm imniżżel fil-Bye-Law dwar reklami fuq għamara tat-toroq.

**34.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tal-każ li l-Kunsill irċieva mill-Ombudsman għax ma sarux id-'double yellow lines' fi Triq Mater Boni Consili, fejn issemmew is-Sindku u l-Kuns J Scicluna, il-Kuns J Scicluna wieġbet minn

naħa tagħha filwaqt li l-Kunsill wieġeb li d-'double yellow lines' saru u għadhom hemm sal-llum. Is-Sindku qal li l-istess persuna li fetaħ il-każ mal-Ombudsman, bagħat lill-Kunsill ittra oħra bl-avukat. Is-Sindku qara l-ittra annessa bħala 'Dok Ċ'.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7352/26/9** 'Dan il-Kunsill ser jibqa mal-policy li dejjem kien kontra li jintilfu parking bays, dan minħabba l-problema ta' nuqqas ta' parking li hawn fil-lokal.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns J Scicluna

**34.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li x-xogħol fis-sala tal-Kunsill huwa nofsu lest, fejn għad jonqos iż-żebgħa, tikħil u hemm xi ħsara mat-twieqi peress li daħal l-ilma u ttiekel xi ġibs, il-kċina tas-sular ta' fuq u s-'server room'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7353/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa sabiex jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fis-sala ta' mhux aktar minn €3840, kif ukoll server room u l-kċina.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill bagħat 'email' lill-għaqdiet tal-lokal sabiex jibgħatu l-pjan ta' ħidma tagħhom għas-sena 2026 minħabba l-'budget plan'. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra kien ta' €20,000 pero din is-sena niżel għal €10,000 peress li kellu jitnaqqas drastikament.

**34.7.11** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7354/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa sabiex jinxtraw 4 siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku għal prezz ta' mhux aktar minn €90 'il wieħed.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.7.12** Is-Sindku nforma l-kamra li din is-sena hija s-sena kulturali tar-Reġjun 2026, fejn attenda għal żewġ laqgħat. Is-Sindku qal li waħda mill-laqgħat kienet mad-direttur artistiku u l-maniġer tal-kultura flimkien mal-Kuns C Bonello, filwaqt li l-laqgħa l-oħra kienet mad-direttur artistiku u l-maniġer tal-kultura flimkien mal-Kuns J Scicluna. Is-Sindku qal li waqt dawn il-laqgħat, mir-Reġjun intagħżlu l-attivitajiet tal-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka u Jum il-Mara. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-attività ta' Jum il-Mara, din ser issir fit-13 ta' Marzu 2026 filgħaxija fil-bitħa tal-iskola Primarja A. Is-Sindku qara korrispondenza mid-direttur artistiku annessa bħala 'Dok D'. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Mixgħela, ir-Reġjun ħareġ bi proposta li ssir infiorata, pero wara li ltaqgħu mal-Kummissjoni Festa Esterna huwa u l-Kuns C Bonello, ġew infurmati li l-infiorata ma tmurx fil-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku qal li għaldaqstant issa qed tiġi mistennija risposta jekk bħala Reġjun Kulturali jistgħux jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tas-salib.

**34.7.13** Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa fis-18:29 hrs minħabba protezzjoni tad-data.

Il-Kuns C Bonello ħareġ mill-kamra fis-19:09 hrs.

Wara diskussjoni, is-Sindku talab biex titkompla l-laqgħa fis-19:12 hrs.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7355/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova budget għas-sena 2026 skond id-dekasteri tal-kunsilliera hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.8 MISTOQSIJIET

**34.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 34.9 MOZZJONIJIET

**34.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 34.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**34.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ser jixtri biċċa mill-art ta' faċċata tal-Kunsill Lokali, u biex titkabbar il-pjazza ser tintuża l-art preżenti fejn hemm il-'parking area'. Is-Sindku qal li għaldaqstant il-Kunsill irid jgħaddi riżoluzzjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7356/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill għandu japplika biex il-parking area fi Triq Nazzarenu Farrugia c/w Triq Hompesch, tiġi devoluta b'kirja mill-awtorità kompetenti.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.10.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ntrebaħ l-EPRT mill-kuntrattur li ġie 'awarded' il-kuntratt tal-knis. Is-Sindku qal li meta kuntratt jaqbeż il-€250,000, jekk tinfetaħ kawża l-Qorti, il-Kunsill ma jiġix innotifikat u jiġi nnotifikat biss id-dipartiment tal-kuntratti li taħtu jaqà l-EPRT. Is-Sindku qal ukoll li t-'tenderer' li kellu l-Kunsill bagħat 'commencement letter', għaddew l-għoxrin ġurnata u kemm il-kuntrattur li rebaħ it-tender u l-Kunsill ma ġewx notifikati li hemm kawża l-Qorti, sakemm il-kuntrattur preżenti nnotifika l-Kunsill wara li saret l-ewwel seduta li fiha kienu nfurmati d-dipartiment tal-kuntratti u l-kuntrattur li tilef it-'tender', iġifieri dak li fetaħ il-kawża. Is-Sindku kompla jgħid li ftit ġimgħat wara ġie mħarrek il-kuntrattur preżenti u li qabel, l-Kunsill kien bagħat lid-Dipartiment sabiex jingħata l-permess biex imur għal 'direct order' f'każ li jinqala każ bħal dan. Is-Sindku żied jgħid li kif il-Kunsill ġie nnotifikat, mar mal-ewwel għad-'direct order'. Huwa qal ukoll li s-smiegħ tas-sentenza ser isir fid-29 ta' Jannar 2026.

## 34.11 FINANZI

**34.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 34.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**34.12.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 34.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**34.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7357/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas l-invoice annessa għas-somma ta' €12,763.32 (minn naħa tal-Kunsill) lil BI Contractors Ltd (Jake Borg) għal FBoQ and PAC relevant to WSC Potable Water works fi Triq il-Pitiross, WSC 2206-23 fejn il-WSC ħareġ is-somma ta' €7,707.32 għal dawn ix-xogħolijiet VAT inkluż.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**34.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7358/26/9** 'Sabiex issir ħarġa 'Friday night out' għax-xahar ta' Mejju 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn €600.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.14.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li minħabba li hi u s-Sindku ser ikunu msifrin, ser tbiddel il-ġurnata tal-attività ta' Jum il-Mara, fejn ser issir fit-13 ta' Marzu 2026.

**34.14.3** Il-Kuns J Scicluna qalet li l-attività tal-Valentine Wellness & Crafts ser tiġi kkanċellata, minħabba li fl-istess ġurnata ser jużaw is-sala l-iscouts, peress li ser ikun żmien il-karnival.

**34.14.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tal-attività ta' Jum il-Mara, kif diġà semma qabel is-Sindku, qed taħdem flimkien mas-Sindku u r-Reġjun Port, sabiex tkun tista tittella.

## 34.15 STAFF

**34.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7359/26/9** 'Sabiex jiġi approvat il-performance bonus tal-ħaddiema tad-District Operations għas-sena 2024/2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa fis-19:30 hrs.

Wara diskussjoni, is-Sindku talab biex titkompla l-laqgħa fit-19:42 hrs.

**34.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7360/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-'Performance Bonus Appraisals 2025' tal-impjegati tal-Kunsill u tas-Segretarju Eżekuttiv hekk kif inhu anness bil-persentaġġi ndikati f'kull rapport.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7361/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova allowance ta' €500 għas-Sa Ruth Simmonds għall-ħinijiet extra li saru bejn Lulju u Diċembru 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**34.15.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7362/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' dawn iż-2 studenti biex jagħmlu 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura. L-ismijiet tal-istudenti jinsabu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.16 PURCHASE REQUEST FORM

**34.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7363/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar 2026 kif inhu anness. (Annessa bħala 'Dok E')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.17 ĦLASIJIET

**34.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7364/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 10/12/2025 sa 14/01/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok F')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 34.18 AĠĠORNAMENT

**34.18.1** Il-laqgħa ntemmet fit-19:48 hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar, 2026 fil-17:30hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli | Is-Sa Gwenith Calleja |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 26 ta' Jannar, 2026

Cm

'Dok A'

## Fgura Local Council at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Nigel Attard <ecgservicesmalta@gmail.com> |
| **Sent:** | Saturday, 03 January 2026 17:34 |
| **To:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Cascun Portelli |
| **Subject:** | Medical Services |

CAUTION: **This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.**

Dear Fgura Local Council,

Hope this email finds you well.

After the past last two year's successful medical services in Fgura, we are offering our discounted services once again.

We can offer again a 2-day Session including ECG Test, Glucose Test, Blood Pressure Test, and Temperature Reading at a discounted rate of €30 euros instead of €50 per patient. This discounted rate will be for the first 150 Fgura residents.

As part of our valued partnership, we will also be offering 30 extra slots for free for a total of 180 slots.

We can also provide again a user friendly fill-in time table so as to help you in the booking process.

Feel free to contact us back for any further questions or enquiries.

Thanks and Regards

Nigel Attard
79440542
ECG Services Malta

'Dok B'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**


| | |
|---|---|
| **From:** | 4sight <4sightprint@gmail.com> |
| **Sent:** | Thursday, 15 January 2026 09:51 |
| **To:** | kenneth mizzi |
| **Subject:** | Proposta ta' Enċiklopedija Edukattiva għat-Tfal dwar il-Belt / Raħal tagħkom |
| **Follow Up Flag:** | Follow up |
| **Flag Status:** | Flagged |


CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għażiż/a Sinjur/a Segretarju/a,

Qed niktbu f'isem il-kumpanija **4Sight**, li ilha għal diversi snin attiva fil-qasam tal-pubblikazzjoni u l-produzzjoni ta' kotba edukattivi, storici u kulturali, b'enfasi fuq il-wirt Malti u l-komunitajiet lokali.

Permezz ta' din l-email nixtiequ nippreżentaw proposta preliminari għall-ħolqien ta' **enċiklopedija għat-tfal, mqassma f'diversi volumi**, iddedikata lill-belt jew raħal tagħkom. Din il-pubblikazzjoni tkun imfassla apposta għal tfal tal-iskola primarja, b'kontenut edukattiv, lingwa aċċessibbli u illustrazzjonijiet attraenti, bil-għan li tqarribhom aktar lejn l-istorja, il-kultura u l-identità tal-lokalità tagħhom.

Bħala kumpanija, **4Sight** għandha esperjenza konkreta f'dan il-qasam, u dan l-aħħar **PBS fdawna bil-produzzjoni ta' ktieb speċjali fl-okkażjoni tal-90 sena mit-twaqqif ta' Rediffusion**, proġett ta' importanza nazzjonali li jinvolvi riċerka, kontenut storiku u produzzjoni ta' livell għoli.

L-għan ta' din l-enċiklopedija hu li:

- tgħin lit-tfal jifhmu l-istorja u l-iżvilupp tal-lokalità tagħhom
- tippromwovi apprezzament lejn il-wirt kulturali u soċjali
- issaħħaħ is-sens ta' appartenenza u kburija fil-komunità

Inkunu kuntenti ħafna jekk ikollna l-opportunità li nispjegaw din il-proposta fid-dettall f'laqgħa, sabiex niddiskutu l-istruttura tal-volumi u possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni mal-kunsill lokali u istituzzjonijiet edukattivi.

Nirringrazzjawk tal-ħin u l-attenzjoni tiegħek u nistennew bil-ħerqa r-risposta tagħkom.

Tislijiet sinċieri,


Kenneth Mizzi
Għal **4Sight**

**79911720**

'Dok Ċ'

**From:** Anthony DeGiovanni <anthonyvdegiovanni@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 21 January 2026 18:51
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Anthony Grech <italianeconomyconsultant.eu@gmail.com>
**Subject:** Application for Double Yellow Line in Front of Garage Mater Boni Consilii Str Fgura

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Av Anthony DeGiovanni LLD

174 Triq il-Kampanella

FGura

**Ms Gwenith Calleja**

**Secretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali**

**Fgura**

Għażiża Segretarju Eżekuttiv,

**Applikazzjoni għal 2 Marki Sofor fin-naħa l-oħra tat-Triq faċċata ta' Garaxx**

Nikteb f'isem Dr Anthony Grech (522173M) li joqgħod 52, Triq Mater Boni Coonsilii, il-Fgura.

Dott. Anthony Grech qed ikun imċaħħad mid-tgawdija tal-garaxx u l-vettura tiegħu minħabba ċ-ċirkustanzi fit-triq tiegħu fil-Fgura.

'Dok Ċ'

Għaldaqstant qiegħed ifittex l-għajnuna tal-Kunsill Lokali sabiex jissottometti applikazzjoni lill-Atworita' tat-Trasport biex jinħareġ permess ta' 'double yellow line'.fin-naħa l-oħra tat-triq faċċata tal-garaxx tiegħu.

Min-naħa tagħna diġa sar kuntratt ma 'Transport Malta' fejn l-espert is-sur James Haig indikalna li minħabba l-qies tal-vettura kif ukoll iċ-ċirkustanzi tal-triq, huwa propens li jingħata dan il-permess.

Għaldaqstant, qegħdin nitolbu appuntament kemm jista' jkun malajr sabiex isiru l-formalitajiet neċessarji tal-applikazzjoni. Inkunlek grat jekk dan ma jieħux fit-tul, sabiex dan ir-resident tal-Fgura ma jibqax isib xkiel għall-aċċess tal-garaxx bil-vettura tiegħu, b'periklu għalih u ħwejġu u ta' persuni oħra.

Tislijiet u Grazzi

Dr.Anthony DeGiovanni

B.A.(Lond.) LL.B., PGD ED. Plan & Mngt, ,Dip N.P., LL.D.(Melit)

tel: 356 27376627
mobile: 356 79784588
e-mail: anthonyvdegiovanni@gmail.com

'Dok D'

Għażiż Sindku u għażiża kunsilliera,

Hawn tista' ssibu meħmuż in-noti u l-punti prinċipali li ġew imsemmija waqt il-laqgħa li kellna il-ġimgħa li għaddiet.

Jekk jogħġobkom innotaw li qed nibgħat il-punti diskussi għal Jum il-Mara illum, kif ġie mitlub minni li nipprovdi din l-informazzjoni/noti fil-ħin għall-Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Fgura. Iżda l-konferma dwar dak li hawn imniżżel, inkluż fuq il-baġits u l-provvisti, se tiġi mill-Kunsill Reġjonali Port ladarba l-prijoritajiet kurrenti jiġu iffinalizzati, kif jirrigwardaw kwistjonijiet li ħarġu waqt laqgha mal-kunsill Regjonali tal-Port il-Ġimgħa li għaddiet dakinhar ukoll wara l-laqgħa li kellna mal-kunsill Lokali tal-Fgura u ma @josianne.scicluna1@gmail.com.

***Regional Mosaic – Inizjattiva għall-kull lokalità***

Infjorata – Konferma fuq l-ispejjes meħtieġa u fuq l-użu ta' fondi tar-Region of Culture program bħala parti mir-Regional Mosaic fuq l-infjorata, u possibbiltà alternattiva li dawn jintużaw sabiex jitlesta salib tal-ħadid li se jintuża din is-sena, kif ukoll fis-snin ta' wara – @Joseph Galea @Clayton Cascun Portelli

---

***Jum il-Mara***

*8 ta' Marzu:* Sindku u kunsilliera mhux f'Malta il-ġimgħa ta' qabel, allura l-avveniment jitmexxa għall-ġimgħa ta' wara.

L-Avveniment Propju u d-dettalji li ddiskutejna:

- Data: 13 ta' Marzu
- Fejn: Barra, Skola Primarja B, u fil-każ ta' xita, ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali
- Ħin: Filgħaxija

Ideja: Programm artistiku ta' siegħa u nofs imfassal mid-direttur artistiku Joseph Galea flimkien mal-maniġer tal-kultura li jservi bħala pjattaforma għall-Reġjun biex jixhed dawl fuq l-istorja u l-esperjenza tal-mara fir-Reġjun, u li jżid ma' din iċ-ċelebrazzjoni u inizjattiva li kienet u se tibqa' organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Fgura.

Responsabbiltajiet tal-Kunsill Reġjonali Port:

- Feature 8–10 min – 6 acts – screen u sound
- Artisti – teatru/rextar, kant u rakkonti – direzzjoni lokali ta' @Joseph Galea
- Preżentatur
- Stedina lil kull kunsill tal-port / ċirkular
- Fotografija / videografija għal dakinhar
- Poster / disinn grafiku?

Kunsill Lokali Fgura:

'Dok D'

- Catering/ikel
- Organizzazzjoni tal-ċerimonja u premju / ċelebrazzjoni tan-nisa involuti fil-VOs tal-lokalità
- Stedina lill-VOs stands għal dakinhar
- Siġġijiet / imwejjed
- Għajnuna għall-kuntatti tal-artisti, organizzazzjonijiet, eċċ. fil-lokalità

Mira: Ġie enfasizzat li dan l-avveniment għandu jintuża biex jiċċelebraw u jħeġġu n-nisa billi jattendu għall-esperjenzi u l-ħajja tagħhom, u mhux billi jiffukaw fuq sfidi u problemi. Realtajiet bħal vjolenza domestika, kif ukoll kwistjonijiet oħra li jaffettwaw in-nisa disproporzjonatament, mhumiex inklużi fil-programm tal-lejl iżda għandhom jiġu trattati f'avveniment separat f'post b'interess, kura u ħin xieraq.

Marketing: Idea li ndawru/nikkollaboraw mal-Lovin Malta għal "pop-up" styled street interview – mistoqsijiet lir-rezidenti bħal kif se jiċċelebraw Jum il-Mara din is-sena, jsemmu mara li tagħtihom ispirazzjoni fil-komunità/ħajja tagħhom u forsi xi ħadd mil-passat li jagħtihom ispirazzjoni → din isservi bħala promozzjoni għal feature li se nniedu dakinhar (fit-13) f'forma ta' 10-minut documentary (simili tal-feature li sar għall-ftuħ) fuq l-istorja tan-nisa fir-Reġjun Port.

---

Jekk għandkhom xi mistosijiet, ibgħatuli hawn. Se nkunu f'kuntatt biex inkomplu l-organizzazzjoni. 😊

Grazzi u tislijiet,

Veronika

regjun.port | Instagram, Facebook | Linktree

'Dok E'

| PRFPO for CM January 2026 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
| 12196 | 12420 | Vince Hardware Store | 1 x click clack small tap waste plug | € 13.55 |
| 12197 | 12421 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | € 40.00 |
| 12198 | 12422 | Sea Shells Xlendi | Harga Gozo - Sat 13/12/2025 - Lunch 80 persons adults @ €20 each & 2 persons (kids) @ €10 each | € 1,620.00 |
| 12199 | 12423 | Calypso Trains | 80 persons @ € 5 each. Train ride @ Gozo on 13/12/25 | € 400.00 |
| 12200 | 12424 | EMA Advocates | Legal services from 8/2/2025 till 3/12/2025 | € 247.80 |
| 12201 | 12425 | Antoine Xerri | Pjazza fil-Milied 2025 - Supply of bins and cleaning of Pjazza Reggie Miller & Triq il-Karmelitani & church area | € 2,192.44 |
| 12202 | 12426 | Cancelled | | |
| 12203 | 12427 | Ispy Projects | 2 x Callout on third party Intercom | 94.4 |
| 12204 | 12428 | Ryan Bezzina | Pjazza fil-Milied 2025 - Social media, magazine, posters, reels, animation, printing material etc etc, Social media paid adverts & tax, Milied riciklabbli poster & certificates, Invit wirja, 3 x posters - wellness & wellbeing, l-Isbah faccata certificate (free) | € 1,989.96 |
| 12205 | 12429 | Dynamic - Sound & Lighting | Pjazza fil-Milied 2025 - Fairy lights, Truss 290mm x 290mm, Trus 290mm cubes, Wind-Uo, Cables, Delivery, Set up + Dismantling | € 4,440.00 |
| 12206 | 12430 | Schembri & Sons Ltd | 20 x Kaptelli 60cm x 30cm | € 240.96 |
| 12207 | 12431 | Francis Srvice Station | Diesel for IBL 985 | € 40.00 |
| 12208 | 12432 | Ecopure Limited | 13 x 18.9 litres of San Michel table water | € 61.10 |
| 12209 | 12433 | C. Ciantar | To complete and assemble the remaining structure for the holy cross - 285 x 200cm, 11cm thick cross, 7cm thick rays, metal structure & metal base inc metal flange for base, all made from 3mm perspex. White base with black wall (cross), yellow base with black wall (rays), ACP in black for all the designs as per drawings, Led modular lighting inside, inc all necessary wiring & transformers, will be delivers in full working order and ready to be installed | € 2,700.00 |
| 12210 | 12434 | Garden of Eden | Harga 10 ta' Frar 2026 - L-Isla/ Birgu - 2 mini buses ( 21 seater minibus) ghal harga L-Isla /Birgu | € 283.20 |
| 12211 | 12435 | Vince Hardware Store | 1 ltr hempel brown gloss, 1 ltr hempel green gloss, 1 ltr hempel red gloss, 10x roller foam 4 ", 6x Piant brush 70mm, 1x roller arms paint, 1x roller foam 15cm, 1x sigma kwarts 2.5 ltrs shade 1 | € 77.75 |
| 12212 | 12436 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | € 40.00 |
| 12213 | 12437 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, Fgura | Carnival band service 15/2/2026 from 10:00am - 12:30pm | € 1,700.00 |
| 12214 | 12438 | Rueben Fava | Rental of colourful costumes for carnival event 2026 | € 350.00 |
| 12215 | 12439 | Kyphi Long Journey | Chair Yoga & Wellness talk - 1 session on 5/12/2025 & 1 session on 18/12/2025 | € 100.00 |
| 12216 | 12440 | Advisory 21 | External DPO services for the month of Decemebr 2025 | € 295.00 |
| 12217 | 12441 | Vince Hardware Store | 1 x click clack 1" 1/4 | € 11.71 |
| 12218 | 12442 | Simon Pace | Upkeep of public convenience for December 2025 | € 531.00 |
| 12219 | 12443 | Vince Hardware Store | Port Regjun Works - Struttura tar-Regjun - 3 x working gloves, 2x paint brush 50mm, 1 x sealer, 1 x anti rust marine coating 500ml, 12 x self drilling screws 5.5 x 25, 6x washers | € 38.14 |
| 12220 | 12444 | Vince Hardware Store | 1 x transparent silicone, 1 x WD 40 | € 20.06 |
| 12221 | 12445 | Glen & Mirka | Karnival 2026 - 2 hrs facepainting & glitter stancelling (1 face painter), 2 hrs balloon modelling & Magic (1 artist will alterante with balloon modelling & magic tricks on the spot. Balloon material included) | € 430.00 |
| 12222 | 12446 | Leon Promotions | Karnival 2026 - Programm ta' saghtejn bis-sehem ta' Veronoca u Dulli u prezentatur lehor, Karattri ta' Donald u Daisy Duck | € 1,040.00 |
| 12223 | 12447 | Michelle Mifsud | Cleaning service at FLC during December 2025 | € 150.00 |
| 12224 | 12448 | Amuse Events | Karnival 2026 - Event Coordinator Services | € 400.00 |
| 12225 | 12449 | Vince Hardware Store | 15 x Jerrytape anti slip tape 50mm x 5 mtrs | € 85.81 |
| 12226 | 12450 | Fgura Scouts Group | Reimbursement as per budget plan 2025 - Expenses related to the talent show held on 15th November 2025 as per budget plan 2025 | € 600.00 |
| 12227 | 12451 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | € 40.00 |
| 12228 | 12452 | Vince Hardware Store | 20x tarmac bags | € 265.50 |

'Dok E'

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12229 | 12453 | Santa's Team Animators | Pjazza fil-Milied 2025 - 7/12/25 - extra hour instructed by the Mayor. Santa Claus, Mrs Claus, 2 elves & 1 toy soldier during Pjazza Fil-Milied 2025 | € | 150.00 |
| 12230 | 12454 | Netsys | Service agreement 24x7 for December 2025 | € | 354.00 |
| 12231 | 12455 | Vince Hardware Store | Regjun port works for FLC garage raff - 20x Stainless steel wire rope clips 8mm 5/16, 8x S/S eyebolts 8mmx100, 50 S/S wire rope 6mm, 10x S/S turnbuckle hook 6mm, 10x eye rowlbolt 8mm, 1x punta fischer 12x 150, 3x electric tape | | 282.96 |
| 12232 | 12456 | Vince Hardware Store | 2x padlocks 60mm, 1 box cboard screws 5x80mm, 20 washers 6.4x25x1.2mm | € | 40.50 |
| 12233 | 12457 | Kummissjoni Festa Esterna | Karnival 2026 - 1x armar u zarmar ta' 4 ventiljiet imzejna bil-bandarlelli fl-okkazzjoni tal-karnival, armar u zarmar ta' 12 x antarjoli (8 quddiem il-Kunsill u 6 mar-roundabout) fl-okkazzjoni tal-Karnival kif ukoll tlugh u nzul tal-bnadar kollha | € | 1,500.00 |
